# Fejn Sejrin?

**Attivitajiet għal żgħażagħ**
**minn 17-il sena 'il fuq**
**marbuta mal-Ġublew tal-Ħniena**
ppreparata mill-**Grupp Missjoni u Vokazzjonijiet**
fi ħdan is-Seminarju tal-Arċisqof
Tpinġijiet ta' **Ecca Muscat**

## Riżorsi meħtieġa

- *Handout* - Il-Mixja tal-Ħajja - Appendiċi 1;
- Il-Barka tal-Pellegrini - Appendiċi 2;
- Tiġdid tal-Wegħdiet tal-Magħmudija - Appendiċi 3.

HANINA BĦALL-MISSIER

## Għanijiet tal-laqgħa

Permezz ta' din l-esperjenza l-istudenti jistgħu jitgħallmu:

- Il-ħajja hija sabiħa għax ġejja minn Alla, u allura rridu nieħdu gost ngħixuha;
- Fil-ħajja mhux kollox ward u żahar. Hemm esperjenzi ta' falliment, imma f'dawn l-esperjenzi Ġesù jrid imissna bl-imħabba u l-ħniena tiegħu;
- Il-ħajja ta' kull student/a għandha skop partikolari, missjoni speċifika. Hemm triq għal kull wieħed/waħda li tagħmilhom uniċi u tagħmilhom min huma, l-identità tagħhom.
- Il-fidi hija deċiżjoni dwar jekk wieħed iridx jaqsam ħajtu ma' Ġesù jew le.

## L-Ewwel Parti

**Post:** Fis-Seminarju

**Tul ta' ħin:** 75 minuta

**Pjan tal-laqgħa:**

1. *Icebreaker* (5-10 minuti)
2. Il-Mixja tal-Ħajja (15-il minuti)
3. L-Iskop tal-Ħajja (10 minuti)
4. Silta mill-Iskrittura (10 minuti)
5. Konklużjoni (10 minuti)
6. *Prayer Space* (20 minuta)

# 1

### *Icebreaker*

**Ħin:** 5-10 minuti

1. Jittellgħu 4 studenti, u 2 minnhom jitlibsulhom *blindfolds*.
2. Dawk ta' b'għajnejhom mgħottija jridu jaslu san-naħa l-oħra.
3. Biex jilħqu d-destinazzjoni tagħhom, iż-żewġ studenti l-oħra jridu jigwidawhom mingħajr ma jmissuhom.
4. Waqt li l-kumplament tal-istudenti qegħdin jagħmlu l-istorbju biex itellfuhom.

#### L-għan tal-Eżerċizzju

*Madwarna għandna ħafna storbju, affarijiet li jibbumbardjawna minn kull naħa u li jtellfuna. Imma fost dan l-istorbju kollu hemm ħaġa waħda li tagħtik sens fil-ħajja, qisha bħall-GPS jew is-sinjal tat-triq bil-vleġġa biex jurik fejn trid tmur.*

*Fil-ħajja aħna nistgħu nkunu turisti jew esploraturi. Tistaqsi, x'inhi d-differenza bejn turist u esploratur? Id-differenza prinċipali bejn turist u esploratur hi li turist hu passiv—imur u jara—mentri l-esploratur hu iktar attiv—qiegħed ifittex xi ħaġa.*

*Karattru ieħor li jixbah ħafna lill-esploratur huwa l-pellegrin. Il-pellegrin huwa vjaġġatur fi vjaġġ lejn post qaddis. Il-vjaġġ jista' jkun kemm vjaġġ fiżiku lejn xi post importanti għar-reliġjon ta' dak li jkun, imma wkoll wieħed simboliku: il-vjaġġ tal-ħajja li fih wieħed ifittex l-iskop tal-ħajja tiegħu.*

*Wieħed jista' jibqa' indifferenti, iħalli l-affarijiet jiġru madwaru u jibqa' ma jagħmel xejn. Imma normalment, kulħadd fil-ħajja għandu skop għalxiex jgħix. Il-mistoqsija hi: l-iskop tal-ħajja tiegħek x'inhu? X'sens tagħti lill-ħajja tiegħek?*

# 2

## Il-Mixja tal-Ħajja

**Riżorsa:** ***Handout*** **(Appendiċi 1)**
**Ħin: 10 minuti**

1. Titqassam il-*handout* bit-titlu Il-Mixja tal-Ħajja.
2. Fl-ewwel kaxxa jridu jiktbu/jpinġu xi ħaġa li tispjega minn fejn ġejjin—il-passat tagħhom.
3. Fil-kaxxa tan-nofs iridu jiktbu/jpinġu xi ħaġa li tispjega fejn qegħdin bħalissa.
4. Fit-tielet kaxxa iridu jiktbu/jpinġu xi ħaġa li tispjega fejn jaħsbu li ser ikunu għoxrin sena oħra.

### L-għan tal-Eżerċizzju

*Minn dan l-eżerċizzju ż-żgħażagħ jiġu mgħejuna:*

- *jieqfu ftit u jħarsu lejn ħajjithom fit-tlett dimensjonijiet tagħha—passat, preżent u futur;*
- *jagħrfu li, biex waslu fejn qegħdin illum, iridu jkunu jafu minn fejn ġejjin;*
- *jagħrfu li t-triq tal-ħajja tagħhom sejra lejn x'imkien, għandhom għanijiet/pjanijiet li jmexxuhom.*

# 3

## L-Iskop tal-Ħajja

**Riżorsa:** ***Video clip***
**Ħin: 10 minuti**

1. Wara li jimlew il-handout jintwera l-video clip ta' madwar 3 minuti.
2. Dan ser iservi bħala spunt għall-kumplament tal-laqgħa u tal-attività inġenerali.
3. Iż-żgħażagħ għandhom jintalbu joqgħodu attenti għal dak li ser jaraw.
4. Wara li jintwera l-clip, tiġi mistoqsija l-opinjoni taż-żgħażagħ u tinħoloq diskussjoni b'mistoqsijiet bħal: Hemm affarijiet li huma l-istess bħalma ktibt inti? X'iżżid? Fejn ma taqbilx? Għaliex? Hemm xi ħaġa nieqsa?

### L-għan tal-Eżerċizzju

*Il-clip primarjament ser tkun tikkonsisti f'intervista ma' numru ta' persuni fejn issirilhom il-mistoqsija dwar x'inhu s sens ta' ħajjithom. Mill-clip joħorġu dawn il-punti:*

- *Il-ħajja kultant hi ġirja minn ħaġa għal oħra;*
- *Mhux dejjem nindunaw li dan kollu jagħmel sens;*
- *Ikollna bżonn nieqfu biex inħarsu madwarna sabiex niskopru x'inhu s sens ta' ħajjitna, sabiex nagħrfu dik il-ħaġa li kienet kontinwa fil-ħajja tagħna. Hemm ħaġa li fit-tibdil kollu ta' ħajjitna kienet u tibqa' kostanti.*

# 4

## Silta mill-Iskrittura

**Riżorsa: Parabbola tas-Samaritan it-Tajjeb (Lq 10,25-37)**
**Ħin: 10 minuti**

1. Tinqara s-silta u jsir ħin qasir ta' silenzju biex fih jaħsbu fuq is-silta (hemm spjegazzjoni fil-paġna li jmiss).
2. Tiġi preżentata l-parabbola bħala pedagoġija għall-ħajja tal-bniedem: il-bniedem li jitbiegħed, jitlef is-sens tal-ħajja tiegħu, imma l-laqgħa mas-Samaritan it-Tajjeb qalgħetu minn fejn kien u għenitu jkompli jimxi t-triq tal-ħajja tiegħu.



## Il-parabbola tas-Sammaritan it-Tajjeb (Lq 10, 25-37)

*Mela jqum wieħed għaref fil-Liġi u, biex iġarrbu, staqsieh: Mgħallem, x'nagħmel biex niret il-ħajja ta' dejjem?" Qallu Ġesù: "Fil-Liġi x'hemm miktub? Inti x'taqra fiha?" U dak wieġeb: "Int għandek tħobb il-Mulej, Alla tiegħek, b'qalbek kollha, u b'ruħek kollha, bil-qawwa tiegħek kollha, u b'moħħok kollu, u lill-proxxmu tiegħek bħalek innifsek." "Sewwa weġibt," qallu Ġesù, "agħmel hekk u tgħix." Iżda dak, biex juri li kellu raġun, qal lil Ġesù: "U l-proxxmu tiegħi min hu?" U Ġesù raġa' qabad jgħidlu: "Wieħed raġel kien nieżel Ġeriko minn Ġerusalemm, u waqa' f'idejn il-ħallelin; dawn neżżgħuh, biċċruh bis-swat u telqu, u ħallewh nofsu mejjet. Nzerta kien nieżel qassis minn dik it-triq u rah, għadda minn mal-ġenb u baqa' sejjer. Hekk ukoll wieħed levita, meta wasal hemm u rah, għadda minn mal-ġenb u baqa' sejjer. Imma kien għaddej minn hemm wieħed Samaritan, wasal ħdejh, rah u tħassru. Resaq lejh, dewwielu l-ġrieħi biż-żejt u l-inbid u rabathomlu, u mbagħad tellgħu fuq il-bhima tiegħu, wasslu f'lukanda u ħa ħsiebu. L-għada ħareġ biċċtejn flus, tahom lil tal-lukanda u qallu, "Ħu ħsiebu; jekk tonfoq xi ħaġa iżjed, nroddhielek jien meta nerġa' ngħaddi.' Minn dawn it-tlieta, int min jidhirlek li ġieb ruħu ta' proxxmu ma' dak li waqa' f'idejn il-ħallelin?" "Min ħenn għalih," wieġbu dak. "Mur," qallu Ġesù, "u agħmel hekk int ukoll."*

## Spjegazzjoni tal-parabbola

*Fil-parabbola niltaqgħu ma' raġel miexi minn Ġerusalemm (il-post fejn kien hemm il preżenza ta' Alla) għal Ġeriko. U għalhekk dan ir-raġel kien qiegħed jitbiegħed minn Alla u jitlef is-sens tal-ħajja tiegħu. Kien raġel li mess il-qiegħ—qala' xebgħa, tilef id-dinjità. Imma l-laqgħa mas-Samaritan it-Tajjeb qalgħetu minn fejn kien u għenitu jkompli jimxi t-triq tal-ħajja tiegħu.*

*Anke fil-ħajja, irrid ninduna li s-sens li nagħti lil ħajti huwa limitat. Għandi bżonn xi ħadd barra minni biex jagħti sens lill-ħajja tiegħi. Hemm xi ħadd li jiġi jiltaqa' miegħi fejn qiegħed, anke jekk inħossni li jien inutli, li jien m'iniex tajjeb, anke jekk inħossni li jien fallut u ma jien tajjeb għal xejn. Dan ix-xi ħadd huwa Ġesù. Ġesù huwa dak li jgħini fit-triq għax jaraha minn fuq. Iżda mhuwiex biss xi ħadd li jara t-triq minn fuq u daqshekk—xi ħadd hemm fuq, 'il bogħod—imma huwa xi ħadd li mexa din it-triq, xi ħadd li għex l-istess ħajja li ngħixu aħna, xi ħadd li wkoll sab il-ħajt quddiemu, falla, spiċċa ħażin.*

*Imma fuq kollox, huwa xi ħadd li, minkejja li spiċċa ħażin, wasal sat-tmiem u rebaħ. Il-mewt ma kellhiex l-aħħar kelma fuqu. U magħna jrid jaqsam l-istess esperjenza tiegħu.*

# 5

## Konklużjoni

**Ħin:** **10 minuti**

*Waqt dan l-eżerċizzju l-ewwel parti tinġabar f'dawn il-punti:*

- *M'hemmx parti mit-triq tal-ħajja tiegħi li Ġesù mhuwiex fiha, anke l-mumenti fejn inħossni mwaħħal, fejn inħossni m'iniex tajjeb biżżejjed.*
- *Kollha qegħdin mixjin lejn skop wieħed. Imma hi t-triq tiegħek u trid timxiha inti. Timxiha mal-oħrajn, imma ħadd ma jista' jimxiha għalik.*
- *Meta nagħraf x'għamel miegħi Ġesù u kif mexa miegħi, imbagħad nagħraf li jien ukoll għandi missjoni. Ġesù jrid jinvolvini fil-missjoni tiegħu; jien ukoll irid nagħmel xi ħaġa għall-oħrajn.*
- *It-toroq tagħna mhumiex separati minn ta' oħrajn. Ġesù mexxa lil dak li staqsieh mill-mistoqsija "U l-proxxmu tiegħi min hu?" biex iwieġeb il-mistoqsija "Min jidhirlek li ġieb ruħu ta' proxxmu?" Parti mis-sens tal-ħajja tagħna hu li niskopru kif aħna ser inkunu samaritani tajba għall-oħrajn:*
  *a) kemm fl-affarijiet iż-żgħar tal-ħajja ta' kuljum—l-opri tal-ħniena;*
  *b) kif ukoll għax meta niskopri min jien, meta niskopri s-sens tal-ħajja tiegħi, niskopri wkoll il-mod kif jien ser ngħix il-ħajja tiegħi għall-oħrajn, liema mod ta' ħajja ser nagħżel, karriera, familja, vokazzjoni, li ser tgħinni nkun Samaritan tajjeb għall-oħrajn. Hija dik il ħaġa unika li ser tagħmel inti, il-missjoni tiegħek biex din id-dinja ssir aħjar.*
- *Il-Ġublew tal-Ħniena huwa opportunità biex inqumu minn fejn aħna u nibdew mill-ġdid. Huwa opportunità biex nesperjenzaw dan kollu.*

# 6

## *Prayer Space*

**Riżorsa: Karti maqtugħin daqs A6, lapsijiet u t-talba tal-Pellegrin**
**Ħin: 20 minuta**

1. Titqassam karta żgħira liż-żgħażagħ kollha u fuqha jiġu mistiedna jiktbu talba lil Ġesù biex jurihom it-triq tal-ħajja tagħhom.
2. Jistgħu jiktbu wkoll dik il-ħaġa li bħalissa jħossuhom imwaħħlin fiha jew dik il-ħaġa li qiegħda tkissirhom bħalissa.
3. Iż-żgħażagħ mbagħad jimxu lejn post fejn hemm salib kbir, u jwaħħluha hemm.
4. Wara ssir it-talba tal-pellegrin.

### L-għan tal-Eżerċizzju

- *Permezz ta' dan il-ġest simboliku ż-żgħażagħ qegħdin iħallu lil Ġesù jerfagħhom, qegħdin jagħtu permess lil Ġesù jidħol fil-ħajja tagħhom u jdawwal il-partijiet l-iktar mudlama.*
- *Dan hu l-punt fejn il-vjaġġ tal-ħajja jsir pellegrinaġġ: x'ħin niddeċiedi li nħalli lil Alla jidħol f'ħajti u jimxi t-triq miegħi.*

### Talba tal-pellegrin

*Mulej Ġesù Kristu, int sejjaħt lill-qaddej tiegħek Abram minn Ur tal-Kaldej, proteġġejtu fil-pellegrinaġġ tiegħu u kont għalih u għall-poplu Lhudi gwida fid-deżert; bierek lil dawn uliedek, għall-imħabba ta' ismek qegħdin f'pellegrinaġġ lejn il-Bieb tal-Ħniena.*

*Kun għalihom, matul ħajjithom, kumpann fil-mixi, gwida fid-diffikultà, kenn matul il-mixja, dawl fid-dlam, konsolazzjoni meta jaqtgħu qalbhom, u blata fil-proponimenti tagħhom.*

*B'hekk, immexxija minnek, jaslu qawwijin u sħaħ fit-tmiem ta' din il-mixja u mimlijin bil-grazzja u t-tama, jkomplu mexjin fil-ħajja ta' kuljum.*

*B'Sidna Ġesù Kristu, mgħallem tagħna. Ammen.*



## It-Tieni Parti

**Post:** Mixja mis-Seminarju sal-Grotta ta' San Pawl*

**Tul ta' ħin:** 45 minuta

- Ċelebrazzjoni tal-Fidi

### Ċelebrazzjoni tal-Fidi

**Riżorsa: Appendiċi 4**
**Ħin: 20 minuta**

1. F'dan il-mument jistgħu jitqassmu xemgħat liż-żgħażagħ.
2. Jekk il-grupp ma jkunx kbir ħafna, iż-żgħażagħ jistgħu joħorġu jixgħelu x-xemgħa huma stess minn xemgħa prinċipali li tissimbolizza lil Ġesù, bħala simbolu li l-fidi f'Ġesù trid iddawwal it-triq tal-ħajja tiegħi. (Ara Appendiċi 3.)

L-għan tal-Eżerċizzju

*Permezz ta' dan il-ġest isir it-tiġdid tal-Wegħdiet tal-Magħmudija bħala sinjal tad-deċiżjoni tagħna li, flimkien ma' oħrajn li bħalna għamlu l-istess deċiżjoni, aħna rridu li Ġesù jkun parti mill-ħajja tagħna.*

** Il-Pellegrinaġġ jista' jitkompla fil-Knisja Parrokkjali tar-Rabat (skont id-daqs tal-grupp) jew inkella jibqa' sejjer direttament lejn il-Katidral tal-Imdina u ssir it-Tielet Parti.*





## It-Tielet Parti

**Post:** Mixja sal-Bieb tal-Ħniena

**Tul ta' ħin:** 60 minuta

- Il-Bieb tal-Ħniena u Quddiesa

### Il-Bieb tal-Ħniena u Quddiesa

1. Mal-wasla quddiem il-Katidral, iż-żgħażagħ jgħaddu mill-Bieb tal-Ħniena.
2. Hekk kif kulħadd isib postu tiġi ċċelebrata Quddiesa b'ringrazzjament.

L-għan tal-Eżerċizzju

*L-għan hu li l-quddiesa ssir b'ringrazzjament kemm għal din l-esperjenza u kif ukoll għad-don tal-ħajja. Fl-omelija għandu jsir aċċenn għal dan l-aspett ta' radd il-ħajr u l-ħarsa 'l quddiem lejn l-għarfien tal-iskop tal-ħajja tagħna.*

# Appendiċi 1 - Il-Mixja tal-Ħajja

**Minn fejn ġej?**
*(Ikteb jew pinġi affarijiet li jspjegaw l-esperjenzi tal-passat li għamluk min inti)*



**Fejn Sejjer**
*(Ikteb jew pinġi affarijiet li jspjegaw fejn taħseb li ser tkun għoxrin sena oħra)*

**Fejn qiegħed?**
*(Ikteb jew pinġi affarijiet li jspjegaw ħajtek bħalissa)*

# Appendiċi 2 - Il-Barka tal-Pellegrin

*Ċelebrant:* Fl-isem tal-Missier, u tal-Iben, u tal-Ispirtu s-Santu.
*Studenti:* **Ammen.**

*Ċelebrant:* Alla, il-faraġ u s-salvazzjoni tagħna, ikun magħkom ilkoll.
*Studenti:* **U miegħek ukoll.**

*Ċelebrant:* Ħbieb, ejjew inħejju ruħna fil-bidu ta' dan il-pellegrinaġġ.

## Salm Responsorjali

Salm 121
**R/. Fraħt meta qaluli: "Immorru f'dar il-Mulej!"**

Fraħt meta qaluli:
"Sejrin f'dar il-Mulej!"
Diġà qegħdin riġlejna
fi bwiebek Ġerusalemm. **R/.**

Ġerusalemm, mibnija bħal belt,
magħquda ħaġa waħda!
Lejha t-tribujiet jitilgħu,
it-tribujiet tal-Mulej.
biex, skont il-liġi ta' Iżrael,
ifaħħru isem il-Mulej. **R/.**

Minħabba ħuti u ħbiebi,
ħallini ngħidlek: "Is-sliem għalik!"
Minħabba f'dar il-Mulej, Alla tagħna,
nixtieq illi jkollok il-ġid. **R/.**

## Talb

Missier Qaddis, inti tajtna lil Ġesù biex ikun it-triq li twassalna għandek; agħtina li nimxu dejjem warajh bil-fedeltà kollha. Nitolbu.
**R/. Ismagħna nitolbuk, Mulej.**

Inti tajtna lil Marija bħala xbieha u eżempju għalina tal-mixi wara Kristu; agħtina li dejjem inħarsu lejha biex inkunu nistgħu nimxu kif jixraq f'ħajja ġdida. Nitolbu. **R/.**

Int, bl-Ispirtu s-Santu, tmexxi l-Knisja fil-mixi tagħha f'din id-dinja; agħtina li niġru fit-triq tal-ħniena tiegħek, billi nfittxuk fuq kollox u qabel kollox. Nitolbu. **R/.**

Int issejħilna għal għandek mit-triq tal-ġustizzja u s-sliem, agħtina li nagħrfu s-sens veru tal-ħajja tagħna biex hekk aħna wkoll naslu għandek. Nitolbu. **R/.**

*Ċelebrant:* O Alla li tista' kollox, li dejjem turi l-ħniena tiegħek lil dawk li jħobbuk, u għal dawk li jfittxuk qatt ma inti 'l bogħod minnhom: kun magħna li se nagħtu bidu għal dan il-pellegrinaġġ; imxi magħna u wassalna bis-sliem fil-post fejn sejrin. Bi Kristu Sidna.
*Studenti:* **Ammen.**

*Isir it-tberik tal-pellegrini bl-ilma mbierek*

*Ċelebrant:* Il-Mulej ikun magħna u jissieħeb magħna fi triqtna.
*Studenti:* **Ammen.**

## Appendiċi 3 - It-Tiġdid tal-Wegħdiet tal-Magħmudija

### Introduzzjoni

*Bis-sagrament tal-Magħmudija, Alla, fl-imħabba tiegħu, tana ħajja ġdida mill-ilma u mill-Ispirtu s-Santu. Issa ma għadniex tfal, u għalhekk jeħtieġ li r-rigal sabiħ li rċevejna fil-magħmudija u ġeddidna fis-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof nagħmluh tagħna. Il-fidi mhijiex xi ħaġa passiva, fejn sempliċiment naċċetta t-tagħlim tal-Knisja, imma hi deċiżjoni attiva. Hija deċiżjoni li timplika li niċħad dak li jkissirni, filwaqt li nżomm ma' dak li jibnini u jagħmilni bniedem sħiħ. Qabel tlaqna b'dan il-pellegrinaġġ iddeċidejna li rridu li Ġesù jimxi magħna t-triq tal-ħajja tagħna għax għarafna li hu biss fid-dawl tiegħu li aħna nagħrfu s-sens tal-ħajja tagħna. Għalhekk, ejjew issa nġeddu l-wegħdiet li għamlu għalina l-ġenituri fil-magħmudija, u li għamilna aħna meta rċevejna l-Griżma tal-Isqof. Ejjew inġedduhom bħala sinjal tad-deċiżjoni tagħna li, flimkien ma' oħrajn li bħalna għamlu l-istess deċiżjoni, aħna rridu li Ġesù jkun parti mill-ħajja tagħna.*

### Tiġdid tal-Wegħdiet tal-Magħmudija

*Animatur:* Tiċħdu lix-xitan u l-għemil u l-qerq kollu tiegħu, biex tgħixu fil-ħelsien ta' wlied Alla?
*Studenti:* **Iva niċħad.**

*Animatur:* Temmnu intom f'Alla, il-Missier li jista' kollox, li ħalaq is-sema u l-art?
*Studenti:* **Iva nemmen.**

*Animatur:* Temmnu f'Ġesù Kristu, Ibnu l-waħdieni u Sidna, li twieled minn Marija Verġni, bata u miet u difnuh, qam minn bejn l-imwiet u qiegħed fil-lemin tal-Missier?
*Studenti:* **Iva nemmen.**

*Animatur:* Temmnu fl-Ispirtu s-Santu, fil-Knisja mqaddsa kattolika, fix-xirka tal-qaddisin, fil-maħfra tad-dnubiet, fil-qawma mill-imwiet u fil-ħajja ta' dejjem?
*Studenti:* **Iva nemmen.**

*Animatur:* Din hi l-fidi tagħna. Din hi l-fidi tal-Knisja li aħna niftaħru li nistqarru f'Ġesù Kristu Sidna.
*Studenti:* **Ammen.**